**Malta**



Lil: alessandro.cassar@yahoo.it

Suġġett: Tagħrif fuq Malta

Kif int, Alessandro?

Nispera li tajjeb għax ilek ma tibgħatli xi ittra elettronika. Jiena se nagħtik xi tagħrif dwar Malta.

Malta hija gżira żgħira u f'nofs il-Baħar Mediterran. Qribha hemm xi gżejjer oħra. Dawn huma Kemmuna, Għawdex, Filfla u Kemmunett. Malta qiegħda fil-kontinent tal-Ewropa u aħna l-Maltin qegħdin fl-Unjoni Ewropea wkoll. Malta tinsab bejn il-Libja u Sqallija.

L-istorja ta' pajjiżna bdiet mit-tempji Megalitiċi. Fi żmien il-gwerer kulħadd ried jaħkem lil Malta minħabba l-pożizzjoni li qiegħda fiha. Malta sofriet żewġ gwerer kbar. Il-belt prinċipali kienet l-Imdina imma mbagħad saret il-Belt Valletta. Fihom insibu ħafna mużewijiet interessanti.

Malta hija gżira reliġjuża u fiha nsibu tliet mija, ħamsa u sittin knisja. Aħna l-Maltin għandna ħafna ikel tradizzjonali bħall-qubbajt, il-fenek moqli, is-soppa tal-armla u l-ġbejniet. Fis-sajf ikollna ħafna turisti li jiġu jgawdu l-festi, il-baħar, ix-xemx u l-kultura tagħna.

Nispera li xi darba narawk f'Malta!

Saħħa,

Jordan

*Miktuba minn Jordan Abela, student tas-sitt sena fil-Kulleġġ Santa Margerita,*

*L-Iskola Primarja B, Ħaż-Żabbar.*